VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,333, 24 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 391 tal-2014

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA
(KAP. 463)
Regolamenti tal-2014 dwar Għajnuna għall-Investiment
(Lulju 2014)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2014 dwar Għajnuna għall-Investiment (Lulju 2014).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fir-rigward ta' attivitajiet kwalifikanti għal investment inizjali jew għal investment inizjali favur attività ekonomika ġdida li jibdew fl-1 ta' Lulju 2014 jew wara din id-data.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"assi intanġibbli" tfisser assi li ma għandhomx tfassil fiżiku jew finanzjarju bħal privattivi, liċenzi, kompetenzi jew proprjetà intellettwali oħra:

B'dan iżda li:

(a) dawn għandhom jintużaw b'mod esklussiv fl-istabbiliment li qed jirċievi l-għajnuna;

(b) dawn għandhom jkunu jistgħu jiġu ammortizzati;

(ċ) dawn għandhom jinxtraw skont il-kundizzjonijiet tas-suq minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej; kif ukoll

(d) dawn għandhom jiġu inklużi fl-assi tal-impriża li tkun qed tirċievi l-għajnuna u jridu jibqgħu marbutin mal-proġett li għalih ingħatat l-għajnuna għal mill-inqas ħames snin jew tliet snin fil-każ ta' impriżi żgħar, ta' daqs medju u mikro;

"assi tanġibbli" tfisser assi li jikkonsistu f'art, bini u impjanti, makkinarju u tagħmir;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap. 463.

"bidu tax-xogħlijiet" tfisser l-iktar kmieni li jseħħ jew tal-bidu ta' xogħlijiet relatati mal-investiment, jew l-ewwel impenn legali vinkolanti għall-ordni ta' tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibbli:

B'dan iżda li, x-xiri tal-art u x-xogħlijiet preparatorji bħall-kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji ta' vijabilità, m'għandhomx jitqiesu bħala l-bidu tax-xogħlijiet;

Iżda wkoll, għall-akkwiżizzjonijiet, "bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-mument li fih jiġu akkwistati assi marbuta direttament mal-istabbiliment akkwistat;

"*guest house*" tfisser *guest house*, kif imfissra u mogħtija liċenza biex topera bħala tali taħt l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta;

Kap. 409.

"impriża" tfisser:

(a) kull soċjetà kostitwita taħt l-Att dwar il-Kumpanniji li tkun jew soċjetà *en nom collectif*, in akkomandita jew kumpannija ta' responsabbilità limitata;

Kap. 386.

(b) kull korp ta' persuni kostitwit, inkorporat jew reġistrat barra minn Malta, u tax-xorta bħall-imsemmija soċjetajiet u reġistrat bħala kumpannija barranija skont l-Att dwar il-Kumpanniji; u

Kap. 386.

(ċ) kull għaqda koperativa kif reġistrata taħt l-Att dwar Soċjetajiet Koperattivi;

Kap. 442.

"impriża kbira", "impriża ta' daqs medju", "impriża żgħira" u "impriża mikro" għandhom it-tifsira mogħtija lilhom bl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat;

"investment inizjali" tfisser:

(a) investment f'assi tanġibbli jew intanġibbli relatat mat-twaqqif ta' stabbiliment ġdid, l-estensjoni tal-kapaċità ta' stabbiliment eżistenti, id-diversifikazzjoni tar-riżultat ta' stabbiliment fi prodotti li ma kinux jiġu magħmula fl-istabbiliment jew bidla fundamentali fil-proċess globali tal-produzzjoni ta' stabbiliment eżistenti; jew

(b) akkwist ta' assi li jappartjenu lil stabbiliment li jkun għalaq jew kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, u li nxtara minn investitur li mhux relatat mal-bejjiegħ u li jeskludi l-akkwist uniku tal-ishma ta' impriża;

"investment inizjali favur attività ekonomika ġdida" tfisser:

(a) investment f'assi tanġibbli jew intanġibbli relatat mat-twaqqif ta' stabbiliment ġdid, jew għad-diversifikazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

tal-attività ta' stabbiliment, bil-kundizzjoni li l-attività ġdida mhijiex l-istess attività, jew attività simili għal dik imwettqa qabel fl-istabbiliment; jew

(b) l-akkwist ta' assi li jappartjenu lil stabbiliment li jkun għalaq jew kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, u li nxtara minn investitur li mhux relatat mal-bejjiegħ, bil-kundizzjoni li l-attività ġdida li għandha ssir permezz tal-użu tal-assi akkwistati mhijiex l-istess attività jew waħda simili għall-attività li seħħet fl-istabbiliment qabel l-akkwist;

"il-Korporazzjoni" tfisser il-Korporazzjoni għall-Intrapriża ta' Malta stabbilita taħt l-Att;

"kumpannija" għandha l-istess tifsira bħal "impriża";

"Linji gwida" tfisser dawk il-linji gwida li jistgħu jiġu pubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

"lukanda" tfisser lukanda kif imfissra u mogħtija liċenza biex topera bħala tali taħt l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, u tinkludi *resort hotel* jew *apartment hotel*; Kap. 409.

"proġett kbir ta' investiment" tfisser investiment inizjali bi spejjeż eliġibbli li jaqbżu l-ħamsin miljun Euro (€50,000,000), ikkalkolat bil-prezzijiet u r-rati tal-kambju fid-data tal-għoti tal-għajnuna.

3. Attività` kwalifikanti skont dawn ir-regolamenti tkun attività ekonomika li tikkonsisti f'sengħa jew negozju li minnhom il-profitti jew il-qligħ ikun taxxabbli skont l-artikolu 4(1)(*a*) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, mwettqa jew li tkun fi ħsieb li titwettaq minn impriża f'Malta li tikkonsisti biss f'waħda jew aktar minn dawn l-attivitajiet li ġejjin: Attivitajiet kwalifikanti. Kap. 123.

(a) (i) il-produzzjoni, il-manifattura, it-titjib, l-assemblaġġ, il-preservazzjoni, l-ipproċessar ta' kull oġġett, materjal, prodotti, tagħmir, impjant u makkinarju:

B'dan iżda, il-prodott jew prodotti li jirriżultaw iridu jkunu distinti b'mod ċar mill-materjali u l-komponenti li jintużaw fil-produzzjoni tagħhom;

(ii) il-provdiment ta' kull servizz industrijali analogu għall-attivitajiet imsemmija fis-subparagrafu (i) kif jistgħu jiġu preskritti fil-Linji gwida;

(iii) il-manifattura, it-tiswija, miljorament jew manutenzjoni ta' inġenji tal-ilma, inġenji tal-ajru u magni jew tagħmir elettromekkaniku inkorporat jew użat

VERŻJONI ELETTRONIKA

konformement mas-subparagrafi (i) u (ii) kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida:

B'dan iżda, li fejn l-attivitajiet fis-subparagrafu (iii) jinkludu l-installazzjoni, it-tagħmil jew l-assemblaġġ ta' oġġetti fuq il-post, l-oġġetti għandhom jiġi manifatturati mill-istess impriża.

(b) attivitajiet dwar it-teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjonijiet kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida, imma eskluż is-servizzi tat-telekomunikazzjoni;

(ċ) attivitajiet ta' ċentri tas-sejħa kif jistgħu jiġu preskritti fil-Linji gwida;

(d) riċerka u żvilupp u innovazzjoni ta' prodotti u proċessi innovattivi kif jistgħu jiġu preskritti fil-Linji gwida;

(e) innovazzjonijiet ekoloġiċi, dwar trattament tal-iskart jew soluzzjonijiet ambjentali kif jistgħu jiġu preskritti fil-Linji gwida;

(f) bioteknoloġija kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida;

(g) il-formulazzjoni, l-iżvilupp, il-manifattura u l-preparazzjoni u l-ippakkjar ta' farmaċi u operazzjonijiet loġistiċi analogi kif jistgħu jiġu preskritti fil-Linji gwida;

(h) l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti awdjoviżivi, jew l-operat u l-produzzjoni ta' faċilitajiet li huma meħtieġa direttament għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti awdjoviżivi kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida imma eskluż attivitajiet dwar programmi u xandir;

(i) il-provdiment ta' edukazzjoni terzjarja kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida;

(j) il-providiment ta' servizzi privati ta' kura medika kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida;

(k) servizzi tal-port ħieles u loġistiċi kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida;

(l) l-operazzjoni jew it-tmexxija ta' lukandi liċenzjati kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida;

(m) servizzi ta' negozji b'livell intensiv ta' għarfien kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida;

(n) ir-restawr ta' opri tal-arti u ta' opri antiki kif jista'

VERŻJONI ELETTRONIKA

jiġi preskritt fil-Linji gwida imma esklużi r-restawr tal-bini u strutturi oħra;

(o) faċilitajiet għal avvenimenti kulturali, kreattivi u fieri kummerċjali fuq skala kbira, kif jistgħu jiġu preskritti fil-Linji gwida;

(p) l-ippakkjar fuq skala industrijali permezz tal-użu ta' tagħmir u magni awtomatiċi kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida.

Attivitajiet skwalifikanti.

4. L-impriża ma tikkwalifikax għal ebda benefiċċju provdut f'dawn ir-regolamenti jekk:

(a) l-impriża tbiegħ bl-imnut:

B'dan iżda, li impriża ma titqiesx li tkun qegħda tbiegħ bl-imnut jekk:

(i) il-bejgħ ta' prodotti jew servizzi jsir lil impriża u l-prodotti jew is-servizzi jew jerġgħu jiġu mibjugħa jew jerġgħu jiġu wżati minn dik l-impriża; jew

(ii) il-bejgħ ta' prodotti jew servizzi jsir lil impriża li tuża dawk is-servizzi biex tmexxi attività ekonomika; jew

(iii) il-bejgħ ta' prodotti jew servizzi jsir lil persuna jew lil impriża permezz ta' attivitajiet ta' *e-commerce* li jirriżultaw f'operazzjonijiet *online* li jsiru b'sistema sigura ta' ħlas; jew

(iv) l-impriża hija ta' daqs mikro li tbiegħ biss oġġetti manifatturati mill-istess impriża; jew

(v) l-impriża hija involuta fl-operat u fit-tmexxija ta' lukandi liċenzjati;

(b) l-impriża timpjega inqas minn mitt impjegat *full time equivalent* u l-kummerċ jew negozju tagħha jikkonsisti prinċipalment fis-separazzjoni, l-għażla, it-taħlit mingħajr ma tinbidel ix-xorta tal-prodott, it-tnixxif, it-tikkettjar, jew proċessi simili oħra jew kull taħlita ta' dawk il-proċessi fuq prodotti li jinkisbu bl-ingrossa u biss biex jippreparaw dawk il-prodotti għall-bejgħ jew għad-distribuzzjoni sakemm dawn il-proċessi ma jkunux parti integrali mill-attività kwalifikanti;

(ċ) l-attività tal-impriża tikkonsisti fl-immuntar ta' xi prodotti fejn:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) il-prodott finali immuntat mhuwiex rikonoxxibli b'mod ċar mill-komponenti individwali jew partijiet li minnhom ġie mmuntat il-prodott mingħajr ma tiġi kkunsidrata xi qoxra ta' barra tal-prodott; u

(ii) il-komponenti u l-partijiet li minnhom ġew immuntati l-prodotti huma tali illi l-prodott ikun kważi komplut;

(d) il-kummerċ jew in-negozju tal-impriża jinkludi l-preparazzjoni jew produzzjoni ta' "ikel fil-kors ta' *catering*" li jiġi direttament provdut lill-konsumatur finali:

B'dan iżda li tali proċessi ma jitwettqux bħala parti min-negozju ta' lukanda kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida.

Regoli addizzjonali.

5. (1) Sabiex l-ispiża titiqies bħala kwalifikanti, l-assi akkwistati għandhom ikunu ġodda ħlief għal impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u għall-akkwist ta' stabbiliment.

(2) L-ispejjeż marbuta mal-lokazzjoni ta' assi tanġibbli jistgħu jitqiesu fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) għall-art u l-bini, il-lokazzjoni trid tkompli mill-inqas ħames snin wara d-data mistennija tat-tlestija tal-proġett ta' investiment għal impriżi kbar jew għal tliet snin fil-kas ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;

(b) għal impjant jew makkinarju, il-lokazzjoni għandha tieħu l-forma ta' lokazzjoni finanzjarja u trid tinkludi obbligu għall-benefiċjarju tal-għajnuna biex jixtri l-proprjetà mal-iskadenza tal-perijodu tal-lokazzjoni.

(3) Fil-każ ta' akkwist tal-assi ta' stabbiliment f'investment inizjali jew investment inizjali favur attività ekonomika ġdida, l-ispejjeż ta' xiri tal-assi mingħand partijiet terzi mhux relatati max-xerrej biss jiġu ikkunsidrati. It-tranżazzjoni sseħħ skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk diġà tkun ingħatat għajnuna għall-akkwiżizzjoni ta' assi qabel jinxtraw, l-ispejjeż ta' dawn l-assi jitnaqqsu mill-ispejjeż eliġibbli relatati mal-akkwist ta' stabbiliment:

B'dan iżda li, meta membru tal-familja tas-sid oriġinali, jew impjegat, jieħu f'idejh impriża żgħira, il-kundizzjoni li l-assi jinxtraw minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej tiġi rinunzjata. L-akkwist ta' ishma ma għandux jikkostitwixxi investiment inizjali.

(4) L-investiment għandu jinżamm f'Malta għal mill-inqas ħames snin, jew tliet snin fil-każ ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, wara t-tlestija tal-investiment:

VERŻJONI ELETTRONIKA

B'dan iżda li, impjant jew apparat li ma jkunx għadu aktar validu jew li nkiser f'dan il-perjodu jista' jiġi sostitwit, sakemm l-attività ekonomika tinżamm f'Malta għall-perjodu minimu rilevanti.

(5) Għal għajnuna mogħtija għal bidla fundamentali fil-proċess tal-produzzjoni, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jaqbżu d-deprezzament tal-assi marbuta mal-attività li trid tiġi modernizzata matul it-tliet snin fiskali preċedenti.

(6) Għal għajnuna mogħtija għad-diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti, l-ispejjeż eliġibbli għandhom jaqbżu b'mill-inqas mitejn fil-mija (200%) l-valur kontabbli tal-assi li jintużaw mill-ġdid, kif irreġistrati fis-sena fiskali preċedenti ma nbdew ix-xogħlijiet.

(7) Impriża li tkun tixtieq tagħmel użu mill-benefiċċji ta' dawn ir-regolamenti għandha tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' mill-inqas ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) jew permezz tar-riżorsi tagħha stess jew permezz ta' finanzjament estern, f'forma li tkun ħielsa minn kull appoġġ pubbliku.

Forma ta' assistenza.

6. (1) Impriża li twettaq jew li għandha l-ħsieb li twettaq attività kwalifikanti konformi mar-regolament 3 li tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta tkun, bla ħsara għall-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-Linji gwida, intitolata għal kreditu ta' taxxa fuq l-investiment, liema kreditu ta' taxxa jkun, fir-rigward ta' investment inizjali jew investment inizjali favur attività ekonomika ġdida, jiġi kalkulat jew -

(a) bħala perċentwali tal-ispiża kwalifikanti f'assi tanġibbli jew assi intanġibbli li ssir minn dik l-impriża fis-sena preċedenti għas-sena ta' stima inkwistjoni; jew

(b) bħala perċentwali tal-ispejjeż ta' pagi għal impjiegi maħluqin direttament mill-proġett ta' investment inizjali jew ta' investment inizjali favur attività ekonomika ġdida skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8.

(2) Fil-każ ta' proġett ta' investiment li jista' jagħmel kontribut sostanzjali għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta, il-Korporazzjoni tista' tapprova għotja ta' flus minflok il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment imsemmi fis-subregolament (1) kif jista' jiġi preskritt fil-Linji gwida:

B'dan iżda, li l-għotja ta' flus tkun tista' tiġi mogħtija biss jekk tiġi sottomessa applikazzjoni formali u approvata mill-Korporazzjoni qabel il-bidu tax-xogħlijiet.

(3) (a) Impriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju li

VERŻJONI ELETTRONIKA

tikkwalifika għall-benefiċċju provdut b'dan ir-regolament tkun intitolata għal kreditu ta' taxxa fir-rigward ta' investment inizjali.

(b) Impriża kbira li tikkwalifika għall-benefiċċju provdut b'dan ir-regolament tkun intitolata għal kreditu ta' taxxa fir-rigward ta' investment inizjali favur attività ekonomika ġdida.

Intensitajiet tal-għajnuna.

7. (1) Fejn il-bidu ta' xogħlijiet ta' investment inizjali jew investment inizjali favur attività ekonomika ġdida jseħħ fl-1 ta' Lulju 2014 u qabel il-31 ta' Diċembru 2017, l-ammont totali ta' krediti ta' taxxa għall-investiment li jistgħu jingħataw skont dan ir-regolament għal proġett ta' investiment speċifiku m'għandux jeċċedi:

(a) ħamsa u tletin fil-mija tal-ispiża kwalifikanti fil-każ ta' impriża li tikkwalifika bħala impriża żgħira jew mikro;

(b) ħamsa u għoxrin fil-mija tal-ispiża kwalifikanti fil-każ ta' impriża li tikkwalifika bħala impriża ta' daqs medju;

(ċ) ħmistax fil-mija tal-ispiża kwalifikanti fil-każ ta' impriża li tikkwalifika bħala impriża kbira;

(d) ħmistax fil-mija tal-ispiża kwalifikanti fil-każ ta' lukanda liċenzjata.

(2) Fejn il-bidu ta' xogħlijiet ta' investment inizjali jew investment inizjali favur attività ekonomika ġdida jseħħ fl-1 ta' Jannar 2018 u qabel il-31 ta' Diċembru 2020, l-ammont totali ta' krediti ta' taxxa għall-investiment li jistgħu jingħataw skont dan ir-regolament għal proġett ta' investiment speċifiku m'għandux jeċċedi:

(a) tletin fil-mija tal-ispiża kwalifikanti fil-każ ta' impriża li tikkwalifika bħala impriża żgħira jew mikro;

(b) għoxrin fil-mija tal-ispiża kwalifikanti fil-każ ta' impriża li tikkwalifika bħala impriża ta' daqs medju;

(ċ) għaxra fil-mija tal-ispiża kwalifikanti fil-każ ta' impriża li tikkwalifika bħala impriża kbira;

(d) ħmistax fil-mija tal-ispiża kwalifikanti fil-każ ta' lukanda liċenzjata ta' daqs mikro, żgħir u medju.

(3) L-ispejjeż ta' assi intanġibbli għall-impriżi kbar huma eliġibbli biss sa limitu ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-ispejjeż ta' investiment totali eliġibbli għall-investiment inizjali.

(4) L-ammont massimu permissibbli ta' għajnuna għall-proġett ta' investiment kbir għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ammont massimu ta' għajnuna = R x (A + 0,50 x B + 0 x Ċ),

fejn: l-R hija l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli għall-impriża kbira li twettaq investment inizjali favur attività ekonomika ġdida, l-A hija l-ewwel ħamsin miljun Euro tal-ispejjeż eliġibbli, il-B hija l-parti mill-ispejjeż eliġibbli bejn ħamsin miljun Euro u mitt miljun Euro u ċ-Ċ hija l-parti tal-ispejjeż eliġibbli 'l fuq minn mitt miljun Euro.

Krediti ta' taxxa għall-investiment.

8. Impriża li tkun intitolata għal kreditu ta' taxxa fuq l-investiment, għal sena ta' stima, tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont ta' taxxa fuq l-*income* li hu dovut fuq l-*income* taxxabbli tagħha li jiġi mill-kummerċ jew negozju tagħha għal dik is-sena ta' stima, l-ammont tal-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment u, fejn il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment, għal xi sena ta' stima, jeċċedi t-taxxa fuq l-*income* li jitħallas minn dik l-impriża għal dik is-sena, l-eċċess għandu jkun miżjud mal-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment għas-sena ta' wara u jkun meqjus bħala parti minn dak il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment, jew jekk ma hemmx kreditu ta' taxxa bħala dak fuq l-investiment għal dik is-sena, ikun meqjus bħala l-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment għal dik is-sena u jibqa' jsir hekk għas-snin sussegwenti:

Iżda dik il-parti mill-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment li ma tkunx hekk utilizzata fl-aħħar ta' xi sena u li għalhekk tkun miġjuba 'l quddiem biex tkun miżjuda mal-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment tas-sena ta' stima ta' wara u meqjusa bħala dak il-kreditu ta' taxxa għal dik is-sena, għandha tkun miżjuda bir-rata preskritta fil-Linji gwida; u fejn xi parti ta' dak il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment hekk miżjud għal darb'oħra ma tkunx utilizzata, dik il-parti li ma tkunx utilizzata terġa' tkun miżjuda bl-imsemmija perċentwali u miġjuba 'l quddiem għas-sena ta' wara, u jibqa' jsir hekk għas-snin sussegwenti:

Iżda wkoll kreditu ta' taxxa fuq l-investiment ma jagħtix lok għal dritt ta' rifużjoni ta' taxxa.

Krediti ta' taxxa għall-impjiegi maħluqin direttatment mill-investiment inizjali jew mill-investiment inizjali favur attività ekonomika ġdida.

9. (1) L-ammont ta' kreditu ta' taxxa fuq l-investiment ibbażat fuq il-ħolqien ta' impjiegi li impriża tista' titlob f'sena ta' stima skont ir-regolament 6(1)(b) ikun ibbażat fuq l-ispiża għall-pagi li ssir minn dik l-impriża fil-perijodu ta' kontijiet li jispiċċa fis-sena preċedenti għal dik is-sena ta' stima.

(2) Impriża għandha, bla ħsara għall-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-Linji gwida, tiġi kkunsidrata li bħala riżultat ta' proġett ta' investiment tkun ħolqot impjieg għal dawk l-individwi li jkunu impjegati mal-impriża, jekk l-impjieg ikun direttament konness mal-attività li magħha għandu x'jaqsam il-proġett ta' investiment u

dan isir fi żmien tliet snin minn meta jitlesta l-proġett ta' investiment u sakemm l-imjieg ta' dak l-individwu ma jkunx qiegħed jissostitwixxi l-impjieg ta' xi individwu ieħor u dak l-impjieg ma jiġix itterminat qabel ma jgħaddu ħames snin mid-data tal-impjieg fil-każ ta' intapriżi kbar u mhux qabel ma jgħaddu tliet snin mid-data tal-impjieg fil-każ ta' impriżi żgħar jew ta' daqs medju:

Iżda bl-iskop li jiġi stabbilit jekk ġewx maħluqin impjiegi, individwi li jiġu impjegati mill-impriża fuq bażi *part-time* għandhom jitqiesu bħala numru ta' impjegati *full-time* kif jirriżulta meta l-għadd ta' siegħat maħdumin mill-impjegati *part-time* jiġi diviż b'elf u sebgħa mija u sittin:

Iżda wkoll meta perijodu ta' kontijiet li jispiċċa fis-sena li tiġi qabel sena ta' stima jkun aktar jew anqas minn tnax-il xahar, l-għadd ta' siegħat maħduma mill-impjegati *part-time* għandu jkun diviż b'ammont li wieħed għandu jasal għalih billi jiddividi l-ammont ta' elf seba' mija u sittin, bi tliet mija ħamsa u sittin, u r-riżultat jiġi moltiplikat bin-numru ta' ġranet kompriżi f'dak il-perijodu ta' kontijiet.

Distribuzzjoni u *dividends*.

10. (1) Meta intrarpiża tkun ibbenefikat mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 7 u 8, il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment ikun meqjus illi ħeles mit-taxxa dik il-parti tal-*income* taxxabbli tal-impriża li meta jiġi moltiplikat bir-rati ta' taxxa li bihom kienet taxxabbli f'dik is-sena tkun ugwali għall-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment; u meta l-impriża jew xi impriża sussegwenti tiddistribwixxi l-*income* li hu hekk meqjus li kien meħlus mit-taxxa, dik l-impriża, jew impriżi għandhom jiddikjaraw fid-*dividend warrant* li għandu x'jasam ma' dik id-distribuzzjoni li t-taxxa fuq dak l-*income* kienet meħlusa bi kreditu ta' taxxa fuq l-investiment skont dan ir-regolament; u t-taxxa li kienet hekk meħlusa ma tkunx disponibbli għal rifużjoni għal kull fini tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Kap. 123.

(2) L-*income* taxxabbli li hu meqjus li ġie meħlus mit-taxxa skont is-subregolament (1) għandu jkun, għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, allokat fil-kont intaxxat b'mod finali tal-kumpannija inkwistjoni u kull *dividend* (jew parti minnu) li jkun imqassam ikun eżenti mit-taxxa fuq l-*income* meta jasal f'idejn il-membri tal-kumpannija malli dawn jirċievu dan it-tqassim.

Kap. 123.

(3) Meta *dividend* imsemmi fis-subregolament (1) jitqassam lil membru li jkun wkoll kumpannija (f'dan is-subregolament imsemmi bħala "it-tieni kumpannija"), dak id-*dividend* jista' bl-istess mod jitqassam mit-tieni kumpannija lill-membri tagħha stess bħala *dividends* eżenti mit-taxxa fuq l-*income* meta jasal f'idejn min jirċevih, u meta membru tat-tieni kumpannija jkun ukoll kumpannija,

VERŻJONI ELETTRONIKA

id-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan is-subregolament għandhom japplikaw *mutatis mutandis* bħallikieku dak li jingħad hemm għat-tieni kumpannija kien qed jingħad ukoll għal dak il-membru, u l-prinċipju stabbilit f'dan is-subregolament għandu jibqa' jiġi applikat għal kemm-il darba l-qligħ u l-profitti jew parti minnhom li għalihom japplika dan ir-regolament jitqassmu bħala *dividends*.

Prospetti tat-taxxa.

11. Ebda kreditu ta' taxxa ma jkun dovut lil xi impriża skont dawn ir-regolamenti għal xi sena ta' stima jekk dan ma jintalabx fil-parti adatta tal-prospett tat-taxxa mibgħut b'mezzi elettroniċi sa mhux aktar tard mid-data tal-prospett tat-taxxa relattiv.

Krediti ta taxxa taħt l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju u r-Regolamenti dwar l-Għajnuna għall-Investiment.
Kap. 325

12. (1) Meta għal sena ta' stima, impriża tikkwalifika għal kreditu ta' taxxa skont l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju, u wkoll taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, din għandha tagħmel użu mill-kreditu ta' taxxa dovuta taħt l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju qabel ma tagħmel xi tpaċija fir-rigward tal-kreditu ta' taxxa dovut skont dawn ir-regolamenti.

L.S. 463.02

(2) Meta għal sena ta' stima, impriża tikkwalifika għal kreditu ta' taxxa skont ir-Regolamenti dwar l-Għajnuna għall-Investiment, u wkoll taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, din għandha tagħmel użu mill-kreditu ta' taxxa taħt ir-Regolamenti dwar l-Għajnuna għall-Investiment qabel ma tagħmel xi tpaċija fir-rigward tal-kreditu ta' taxxa dovut skont dawn ir-regolamenti.